6 ta' Ġunju, 1955

Imħallfin :

Is-S.T.O. Sir L. A. Camilleri, Kt., LL.D., *President*;
Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., LL.D.;
Chev. Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

**Nazzareno Grech *versus* Carmelo Debattista**

## Senserija — Spejjeż Ġudizzjarji

*Is-sensal għandu dritt għal senserija **meta** l-operazzjoni tkun ġiet effettivament konkjuża; iżda jekk **is-sensal** (mhux dak kontemplat mill-liġi kummerċjali, li jeħtieġ rekwiżiti speċjali) — ilaqqa' l-partijiet u jsir il-ftehim, u dan wara, għal xi raġuni jew oħra, ma jiġix effettwat, is-sensal għandu dritt għal kumpens, li għandu jiġi diskrezzjonalment fissat mill-Qorti, meħudin in konsiderazzjoni x-xogħol minnu prestat, l-importanza tan-negozju, u ċ-ċirkustanzi kollha tal-każ.*

*Il-kumpens jista' jiġi mogħti fuq l-istess ċitazzjoni, għalkemm tkun ġiet mitluba senserija u mhux kumpens.*

*Imma jekk il-medjatur ikun talab **senserija** meta kellu dritt biss għal kumpens, u meta tiġi likwidata favur tiegħu somma wisq inferjuri għal dik minnu pretiża, allura jkun il-każ li l-kap ta' l-ispejjeż jiġi moderat.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ, li bih l-attur, wara li ppremetta illi huwa ppresta l-opra tiegħu bħala medjatur fl-operazzjoni ta' assenjazzjoni ta' sitt mezzanini li jinsabu f'San Ġiljan, u tnejn il-Gżira, da parti tal-konvenut, u tal-kreditu tiegħu ta' £1,600 kontra l-kreditu ta' £6,300 ta' Joseph Schembri, talab illi l-istess konvenut jiġi kundannat iħallas lilu s-somma ta' £73, jew ammont ieħor verjuri li jirriżulta lilu dovut għall-opra tiegħu; bl-ispejjeż, komprizi dawk ta' l-ittra uffiċjali ta' l-10 ta' Awissu 1953;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fil-15 ta' Marzu 1955, li biha ġiet milqugħa t-talba, però għas-somma

ridotta ta' £27, bl-ispejjeż in proporzjon tar-rispettiva vittorja u sokkombenza; wara li kkunsidrat;

Illi mill-kumpless tal-provi jirriżulta li l-operazzjoni li fiha l-attur kien sensal kellha tkun din, jigifieri ......;

Illi, però, dina l-operazzjoni ma saretx. Invece, il-konvenut u l-imsemmi Joseph Schembri għamlu kuntratt bejnjethom in atti Joseph Gatt .........;

Illi l-imsemmi Schembri spjega r-raguni l-għaliex saru l-kuntratti fuq riferiti u t-trasferiment tal-bini ma sarx. Huwa spjega ruħu hekk .........;

Illi peress li l-bejgħ ta' l-istabili minn għand Debattista lil Schembri, li fih l-attur kien is-sensal, ma sarx, l-attur ma għandux dritt għal senserija; għaliex is-sensal għandu dritt għas-senserija meta l-operazzjoni tkun giet effettivament eżegwita; diversament dak id-dritt ma jistax johrog favur il-medjatur, avvolja l-partijiet ikunu marru lura mill-ftehim volontarjament, u mhux għax kien hemm xi ostakolu legali jew xi diffikultà oħra li fixkiet il-kuntratt definitiv. F'dan il-każ is-sensal ikollu dritt għal kumpens għax-xogħol li jkun għamel, li jigi determinat mill-Qorti, jekk ikun il-każ (Kollez. XII. 125; XVII-II-19; XVIII-II-139; XXIII-I-584; XXXII-I 719; XXXII-III-531; XXXIII-I-583 u 644), għalkemm hemm ukoll xi sentenza (Kollez. XVII-I-112) li tat is-senserija kollha;

Illi fil-fissazzjoni ta' l-imsemmi kumpens għandhom jittieħu in konsiderazzjoni n-natura tax-xogħol (opera) u l-importanza tal-kuntratt li għalih ħadem is-sensal (Kollez. XXIX-I-474), u anki r-raguni għaliex il-bejgħ ma sarx jew ma setax isir (Kollez. XXXII-III-531). U gie bosta drabi ritenut illi l-istess kumpens jista' jigi mogħti fuq l-istess ċitazzjoni, għalkemm fl-istess ċitazzjoni tkun giet mitluba senserija, u mhux kumpens, salva l-kwistjoni ta' l-ispejjeż; għaliex, kif gie ritenut fis-sentenza mogħtija fil-kawża "Cremona vs. Sciberno" (Kollez. XVIII-II-261), id-domanda għall-kundanna għall-ħlas ta' dritt ta' medjazzjoni tikkontjeni virtwalment dik għall-ħlas ta' kumpens għall-prestazzjoni ta' l-opra tal-medjatur;

Illi mix-xhieda ta' l-attur u minn dik ta' l-imsemmi Joseph Schembri (fol. 12 tergo u fol. 53) jirriżulta illi d-dritt tas-senserija kellu jitħallas minn Schembri u mill-konvenut nofs kull wieħed;

*Omissis;*

Illi, kif ġa ngħad, l-attur ma għandux dritt għal senserija, imma għall-ħlas ta' kumpens, li għandu jiġi fissat avut rigward għan-natura ta' l-opera tiegħu, għall-importanza ta' l-kuntratt, u għar-raġuni għaliex il-kuntratt ma sarx; u meħuda in konsiderazzjoni dawn iċ-ċirkustanzi, somma ta' £54, pagabbli minn Schembri u mill-konvenut nofs kull wieħed, hija rimunerazzjoni ġusta, u għalhekk in-nofs li għandu jħallas il-konvenut jammonta għas-somma ta' £27;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut, u rat il-petizzjoni tiegħu fejn talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi riformata, billi tiġi revokata in kwantu kkundannatu jħallas £27 lill-attur u 27/73 ta' l-ispejjeż, u tiġi konfermata għall-kumplament, u b'hekk tiċħad it-talba ta' l-attur, bl-ispejjeż tażżewġ *istanzi kontra tiegħu;*

Rat ir-risposta ta' l-attur, li appella inċidentalment rigward il-kap ta' l-ispejjeż, u talab li, kwantu għall-meritu, is-sentenza appellata tiġi konfermata, u kwantu għall-kap ta' l-ispejjeż tiġi riformata fis-sens li l-ispejjeż kollha jiġu akkollati lill-konvenut;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi rriżulta mill-kumpless tal-provi prodotti li l-appellat Nazzareno Grech *gie avviċinat minn Giuseppe Schembri* ... L-appellant aċċetta dik l-intromissjoni ta' l-attur Grech, u bil-kooperazzjoni ta' l-istess Grech intlaħaq ftehim fis-sens li Schembri kellu jċedi lill-appellant kreditu ta' £6,300 li kellu ......... u da parti tiegħu l-appellant kellu jittrasferixxi lil Schembri siti stabili ......... Dak il-ftehim, però, ma seħħx, u l-appellant u Schembri llikwidaw il-pendenzi li kellhom. l-ewwel bl-att riċevut minn Nutar Joseph Gatt fil-25 ta' Lulju 1953 fol. 15), u sussegwentement b'att ieħor għand l-istess Nutar tas-7 ta' *Awissu, 1953, fol. 19);*

Ikkunsidrat;

Illi s-sensal għandu dritt għas-senserija meta l-operazzjoni tkun ġiet effettivament konkjuża; iżda jekk is-sensal (mhux dak kontemplat mill-liġi kummerċjali, li jeħtieġ rekwiżiti speċjali) ilaqqa' l-partijiet u jsir il-ftehim, li wara, għal xi raġuni jew oħra, ma jiġix effettwat, huwa għandu dritt għal kumpens, li għandu jiġi diskrezzjonalment fissat mill-Qorti, meħudin in konsiderazzjoni x-xogħol minnu prestat, l-importanza tan-negozju, u ċ-ċirkustanzi l-oħra kollha tal-każ (Kollez. Vol. XXXIII, Parte I, pag. 583, 641);

Ikkunsidrat;

Illi, kieku l-operazzjoni fuq imsemmija ġiet effettwata, id-dritt tas-senserija kien ikun ta' £108 ........ U billi dik is-senserija, dejjem kieku n-negozju ġie konkjuż, kellha titħallas nofs minn Schembri u n-nofs l-ieħor mill-appellant, issehem ta' dan ta' l-aħħar kien ikun ta' £54. L-Ewwel Qorti, "arbitrio boni viri", iffissat il-kumpens ta' l-attur f'nofs id-dritt tas-senserija li huwa kien imissu kieku l-operazzjoni ġiet konkjuża; u dina l-Qorti, wara li ħadet in konsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi kollha, u speċjalment l-importanza tan-negozju li minnu l-konvenut u Schembri reġgħu lura wara li kienu ftehmu bil-kooperazzjoni ta' l-attur, jidhrilha li mhux il-każ li tiddisturba l-likwidazzjoni diskrezzjonali magħmula bis-sentenza appellata. Konsegwentement, l-appell prinċipali ma jistħoqqlux jiġi milqugħ, u għandu jiġi respint;

Ikkunsidrat, fuq l-appell inċidentali.

Illi jidher ċar mill-att taċ-ċitazzjoni li l-attur irreklama d-dritt kollu li ppretenda kien imissu bħala medjatur fl-operazzjoni fl-istess ċitazzjoni ndikata, u ffissa dak id-dritt minnu pretiż fis-somma ta' £73. Billi huwa ma kellu ebda dritt għas-senserija, u billi s-somma favur l-attur likwidata bħala kumpens għall-opra minnu prestata kienet wisq inferjuri għas-somma minnu pretiża, għamlet sewwa l-Ewwel Qorti li rregolat il-kap ta' l-ispejjeż kif jinsab stabbilit fis-sentenza appellata. Għalhekk anki l-appell inċidentali għandu jiġi miċħud;

Għar-raġunijiet fuq miġjuba u għal dawk ta' l-Ewwel Qorti, li huma adottati;

Tirrespinġi l-appell prinċipali tal-konvenut, bl-ispejjeż kontra tiegħu; u tirrespinġi l-appell inċidentali ta' l-attur, bl-ispejjeż kontra tiegħu. U hekk tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tagħha r-Reġina fil-15 ta' Marzu 1955.